QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 14 TA’ SETTEMBRU 2015

Il-Pulizija

Spettur Anne Marie Micallef, Spettur Yvonne Farrugia, Spettur Robert Vella

vs

Samantha Schembri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ 244490M akkuzata talli fix-xahar ta' Marzu 2010 f’dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u Ii gew rnaghmula b'rizoluzzjoni wahda:

- b'mezzi kontra I-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen I-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew la' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u qhoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Jeanne Micallef, u, taI-HSBC Bank Malta plc;

- u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, ghamilt falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe cekkijiet tal-HSBC Bank Malta plc., li jippartjenu liI Jeanne Micallef, billi hloqt pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhalt dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk I-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn I-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamilt uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

- U aktar talli f’tas-Sliema matul ix-xahar ta' Marzu 2010, ikkommetejt serq ta' cheque book tal-HSBC Bank Malta plc., li jippartjeni lil Jeanne Micallef, liema serq sar ghad-dannu tal-istess HSBC Bank Malta plc. u ta’ Jeanne Micallef u ma jaqbizx l-ghaxar Ewro;

- aktar talli f'tas-Sliema, bejn il- 21 ta' Marzu 2010 u 22 ta' Marzu 2010, ikkommetejt serq ta diversi oggetti li sar ghad-detrimient ta' Sudipta Sumi Chakraborty liema serq ma jeccedhiex s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbqha u disqhln centezrnu (€232.94);
- f'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta' Marzu 2010 u fix-xhur/snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, xjentement Iqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra /minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indhalt biex tbieghhom jet tmexxihom u cioe' cekkijiet u hwejjeg ohra misruqa;

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/l ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn dina l-Qorti taht l-Artikoli minnu hemm citati;

Semghat lill-imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kawza tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghat il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha wkoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Ufficjal Prosekutur Yvonne Farrugia;

Ikkonsidrat:

Il-fatti in breve huma kif ser jinghad: li l-imputata flimkien ma certu Charmaine Camilleri (li l-kawza taghha giet deciza definittivament) ghamlu x-xahar ta' Marzu tal-2010 jghixu gewwa kamra ta' lukanda f'numru 115 "The Strand" Sliema. Skond l-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali li hu allegat li f'dan il-perjodu l-imputata ikkommettiet truffa aggravata bl-ammont jew irrendiet ruha hatja ta' qerq innominat, ta' falsifikazzjoni ta' atti (ossija cekkijiet) ta' bank privat, ta' serq semplici u ta' ricettazzjoni. Intizi l-offizi fuq indikati bhala reat kontinwat hlief ghas-serq semplici.

L-imputata xehdet f'dawn il-proceduri u rrilaxxat ukoll zewg stqarrijiet.

Trattata t-truffa l-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-imputata kienet ko-attrici fit-twettiq ta' dan ir-reat. Hu kien jikkonsisti filli nxtraw hwejjeg mill-hanut 'Top Shop' f'Tas-Sliema b'cekk li l-imputata u lanqas it-terz ma kellhom ebda jedd fuqu u wisq anqas awtorizzati li juzawh. jinsab sodisfacjament muri li c-cekk kien propjeta' ta' terza persuna li ghalkemm ma gietx prodotta bhal xhud, rrisulta wisq car li kienet ta' mara anzjana li shansitra tinsab interdetta. Ir-reita' tal-imputata hija ben pruvata mill-fatt, u mhux biss, li hija pprovdiet lill-kommessa tal-hanut il-'loyalty card' ta' omma biex ic-cekk gie accettat. Tabilhaqq ic-cekk 'de quo' gie mimli minnha hlief ghal firma. In vista ta' dan il-Qorti m'ghandha edba dubbju li tesprimi li t-truffa tirrizulta kontra l-imputata, anke jekk mhux esklussivament, mill-artifizji u r-raggiri minnha adoperati biex tassikura l-accettazzjoni tac-cekk ghall-hwejjeg mixtrija, liema cekk kien juri haga b'ohra ghad-dannu principalment ta' sid c-cekk, l-imsemmija Jeanne Micallef.

Idem ghat-tieni akkuza li tipprospettal-falz ideologiku.

Ikkonsidrat fir-rigward iz-zewg akkuzi tas-serq, prospettati mill-Avukat Generali bhala serq semplici li l-provi m'humiex tali li jeskludu kull dubbju dettat mir-raguni li s-serq giet imwettqa mill-imputata. Ix-xhieda wahdanija tal-ko-attrici m'hiex f'dan il-kaz sufficjenti biex telimina kull dubbju u tnissel konvinciment fil-Qorti illi ta' dan kienet responsabbli l-imputata.

Dwar l-akkuza tar-ricettazzjoni din ma gietx riproposta fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali.

Trattata l-piena. Issib u tiddikjara l-imputata hatja tal-ewwel u t-tieni akkuza. Tilliberha mill-bqija. Rat l-Artikoli 18, 308, 310(1)(a), 183, 184 u 17 tal-Kap 9. In vista ta' dak mistharreg mill-imputata, fl-ahhar xhieda taghha cjoe' li ilha hames snin li rabbiet l-ghaqal, il-Qorti tiddeciedi li ittiha affidament u ghaldaqstant tilliberha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tqeghdha taht sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghaz-zmien tlett snin mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputata ir-responsabilitajiet taghha skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat